# TIFHIR LILL-GENITURI

L-anglu Taffiel kien skantat ihares mit-tieqa tal-klassi ta' l-Akkademja ta' l-Angli. Hija kienet qed thares lejn is-shab miexi bil-mod il-mod fis-smewwiet.

“Taffy,” qalilha l-Arkanglu Barakjiel. “ Qieghda attenta ghal dak li qed jinghad?”

Kien hemm min dahaq bil-mod u kien hemm min tbissem. Mal-kliem ta' Barakjiel, Taffy giet f'taghha u harset lejn l-imghallem taghha.

“Iva, iva, Sir,” qaltu f'daqqa wahda Taffy, u filwaqt li kkoregiet ruhha tenniet, “ Irrid nghid ma kontx attenta. Jiddispjacini.”

“Tajjeb, x'ghandek f'mohhok il-lum?” staqsiha l-ghalliem.

“Kont qed nahseb x'jfisser li jkollok genituri bhalma ghandhom il-bnedmin?”

“Ahseb biss kemm Alla jhobb lil angli u lill- bnedmin. Issa ahseb biss fuq bicca zghira hafna minn din l-imhabba u ghandek tara l-qies li l-genituri jhobbu lil uliedhom,” spjegalha l-ghalliem Barakjiel.

“U allura ghaliex l-bnedmin isibuha daqshekk bi tqila biex ihobbu l-genituri taghhom,” staqsiet Taffy.

“ Ghaliex kien hemm bzonn li Alla jaghmel dan bhala wiehed mill-Ghaxar Kmandamenti?”

Il-bqija ta’ shabha kienu kurjuzi wkoll. Kienu attenti jisimghu lil Barakjiel jispjega dak li kellu jghid.

“Halli nurikom din,” qal Barkjiel filwaqt li gab projector u qieghdu fuq mejda. F’idu kellu remote control u ghafas buttuna biex jibda’ slideshow ta’ stampi jew ritratti. L-ewwel ritratt kien




juri ragel u mara zaghzagh fid-dmugh f’ghajnejhom iharsu lejn l-ewwel tarbija taghhom li kienet ghadha kemm titwieled.

“Wow, hares x’ferh fuq wicchom dawk it-tnejn,” qal wiehed mill-angli.

“Tassew li dawn il-genituri qed juru l-ferh taghhom ghall-ewwel twelid ta’ tifla. Qed jikbu dmugh ta’ ferh,” qalilhom Barakjiel.

Barakjiel ghafas ghal darb'ohra l-buttuna u wriehom stampa tad-dmugh. Din id-darba t-tarbija qieghda tikbi u l-omm qed tipprova tikkomfortha billi tbandal is-sodda fejn kienet tinsab minduda."

Student iehor qal: " Tidher mifnija."

"Certament li hija," wiegbu Barakjiel.

L-immagini li kien imiss kienet turi liz-zewg genituri bit-tbissima fuq wicchom hekk kif raw lil binthom taghmel l-ewwel passi fil-kamra.

Imbaghad l-angli student raw l-ewwel jum taghha fl-iskola. Ghal darb'ohra l-genituri kbew meta raw lil binthom tiela fuq il-bus ta' l-iskola u ixxejrilhom.

Issa t-tifla kibret u kienet liebsa gear tal-futbol. Il-genituri taghha qalbhom sewda jikkunslawha ghax kellha cans taghmel skor u tilfitu u t-tim taghha sofra telfa.

Taffy gholliet idejha biex tuir li xtaqet taghmel mistoqsija. " Sir, il-bnedmin u l-genituri taghhom dejjm jikbu?"

"Le," wiegeb Barakjiel, " imma ridt nurikom xi mumenti emozjonali fil-hajja ta' familja. Ridtkom tinnutaw kif il-genituri jaqsmu l-ferh u jaqsmu n-niket ma' uliedhom."

"Qisu bhalma jaghmel Alla," qalet Taffy.

“Ezatt,” qal Barakjiel. “ Imma kull familja ma hiex perfetta u t-tfal u l-genituri kultantg ikollhom nuqqas ta’ ftehim. Halli nurikom x’gara aktar ‘l quddiem.”

U Barakjiel mexxa’ l-istampi b’ghaggla u waqaf fuq l-omm tikbi u zewgha jikkonfortaha. Il-bint kienet nieqsa mir-ritratt.



“O fejn qieghda l-binti, forsi tinsab il-genna?” staqsa anglu iehor.

“Le ghadha hajja imma telqet mid-dar ghax kellha xi tghid ma ommha. Issa t-tifla kibret u hija mara bhal ommha.”

“Imma ghaliex kellha tiggieled maghha meta kienu tant jinhabbu?” staqsiet Taffy.

“Huma baqghu jhobbu lil xulxin, imma l-omm ma qablitx ma’ xi ghazliet li ghamlet bintha bhala adulta,” qalilhom Barakjiel.

“L-omm, allura baqghet thobbha lil bintha?” staqsiet Taffy.

“Iva, imma ma jistghux jghixu flimkien ghax il-hin kollu jiggieldu.”

“U x’gara?” qal anglu iehor kurjuz biex jara kif ser tintemm il-bicca. Fuq l-iscreen l-angli setghu jaraw lit-tifla issa adulta kollha rabja. F’ghajnejha ma kienx hemm ebda demgha.

Issa halli naghmlilkom miostoqsija,” qal Barakjiel. “ Li kieku intom kontu l-agnlu kustodju tat-tifla, x’kontu taghmlu? Il-klassi baqghet siekta.

“Ara halli nistaqsikom din l-ewwel. Ghaliex huwa mportanti li l-mara zaghzugha taghmel paci ma’ ommha?”

Aktar silenzju u fl-ahhar Taffy tkellmet. “Ghandha thares ir-raba kmandament u tirrispetta lil ommha.”

“Iva u…..” kompla Barakjiel.

U Taffy wara ftit tal-hsieb qalet: “ U.. Ommha dejjem kienet thobbha u ghada . Hija trid dak li huwa l-ahjar ghal bintha ghaliex hija thobbha.”

“U allura x’kont taghmel li kieku kont l-anglu kustodju taghha?,” staqsa Barakjiel.

“Kont infakkarha fil-mumenti sbieh bejn l-omm u l-bint, dawk il-mumenti li ghadna kemm rajna,” wiegbet Taffy perswaza minn dak li kienet qed tghid.

“Tajjeb u tajjeb hafna.. u dak li ghamel l-anglu kustodju taghha,” qal Barakjiel filwaqt li ghafas buttuna fuq ir-remote ghal darba ohra.

“Harsu lejn l-istampa tat-tifla li qieghda tnaddaf il-kamra. Hija thossha ghadha rrabjata ma’ ommha. Imma jekk tharsu sew lejn l-istampa, l-anglu kustodju taghha qed jipprova juriha album antik li fih ghandu bosta ritratti tal-mumenti sbieh li qasmu l-omm u l-bint.”

“Tahseb li jaghmlu paci,” staqsiet Taffy.

Barakjiel hawn uriehom stampa ohra. “L-ahhar wahda din. Innutaw sew li il-genituri taghha, issa anzjani u qed jistriehu fuq spallejn binthom. It-tlieta li huma ferhanin u bid dmugh f’ghajnejhom jharsu lejn it-tarbija li kienet twieldet. Il-bint saret omm u l-genituri taghha nanniet. U jekk tharsu sew ilkoll ghandhom l-anglu kustodju warajhom.”

Wara li Barakjiel halla lil l-istudenti tieghu jharsu sew u jiflu l-istampa, Taffy esklamat hekk: “X’barka kbira, Sir, ghall-bnedmin li jhossu ftit mill-imhabba ta’ Alla permezz ta’ ommijiethom u missiriethom.”

“Tista’ tispjega lil shabek ghaliex r-raba’ kmandament WEGGAH LIL MISSIERK U LIL OMMOK huwa daqshekk importanti?”staqsa Barakjiel.

Taffy kienet pronta wiegbet: “ Ghaliex tghinhom jitghallmu jhobbu wiehed lil iehor u jhobbu lil Alla.”